MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 689/2011

**Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited, CSMR (1994) Limited u l-ufficjal ricevitur De Kevan Azzopardi in rapprezentanza ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited**

**Vs**

**L-Avukat Dr Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanniji Damkjaer International A/S u Robert Damkjaer Limited.**

**<u>Rikors guramentat</u>**.

L-atturi ppremettew li:-

*1. Il-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited hija joint venture fuq bazi 50/50 bejn Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited minn-naha wahda u l-intimati Damkjaer International u kienet giet iffurmata bl-iskop li tipproduci f' Malta prodotti bil-markju Dany ghas-suq Malti u swieq Barranin*

*2. Bhala parti mill-ftehim bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim li permezz tieghu il- kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inghatat* <u>*sole agency agreement*</u> *tal-prodotti tal-fabbrika f' Malta [DokA].*

*3. Illi l-kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inoltre kienet agent u distributur tal-intimati tal-prodotti Dany u markji ohra fuq is-Suq Malti.*

*4. Illi fil-kuntratt bejn Robert Damkjaer (Malta) Limited u CSMR (1994) Limited hemm stipulat li "D.I. and Robert Damkjaer Limited is not authorized to sell to other parties than CSMR on the local market." kif ukoll "The portfolio of products / brands held by CSMR before this agreement are not to be affected by this contract." Jigi rilevat ghal kull bwon fini li dan il-kuntratt ta' agenzija kien gie iffirmat fl-isfond tal-arrangament globali bejn il-partijiet li jinkludi Shareholders Agreement [Dokument B] li kien qieghed jigi negozjat u li kien gie eventwalment iffirmat.*

*5. Illi dan il-kuntratt, u del resto, il-kuntratti kollha relattivi ghall-joint venture ghadhom fis-sehh, minkejja li l-intimati mmanuvraw biex jitterminawhom u ghalhekk l-intimati huma marbutin bil-klawsola in kwistjoni.*

*6. Illi xi zmien ilu l-esponenti gew avzati li l-intimati ma kienux ser ibieghu aktar lill-esponenti u filfatt ittrasferew l-agenzija lil terzi. Din id-decizjoni kienet ghal kollox illegali ghaliex l-agenti CSMR 1994 Limited ma kienux moruzi, u anzi dejjem qdew fedelment l-inkarigu taghhom u b' risultat ta' xogholhom il-markju Dany jgawdi popolarita kbira fuq is-suq ta' Malta. Qabel ma bdiet l-agenzija il-prodott Dany ma kienx maghruf fuq is-suq f' Malta. Dan ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza.*

*7. Illi sussegwentement l-intimati bdew diversi proceduri intizi li jzommu il-fabbrika milli tipproduci aktar il-prodotti li kienu gew pattwiti fil-ftehim imsemmi biex b'hekk jassikuraw li l-agenti ma jkollhomx prodotti x' jbieghu;*

*8. Illi apparti minn dan kollu l-intimati kisru diversi obbligi kontrattwali ohra u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smigh tal-kawza.*

*9. Illi ghaldaqstant l-agir tal-intimati huwa bi ksur tal-obbligi kontrattwali taghhom u/jew in mala fede. B' risultat tal-agir tal-intimati jew min minnhom ir-rkikorrenti kollha soffrew danni naxxenti mill-ksur tal-arrangamenti kontrattwali ezistenti.*

*10. Illi ghalkemm interpellati biex jiddesistu minn dan l-agir l-intimati baqghu inadmepjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess r-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddeciedi din il-kawza billi:-*

*1. Tinibixxi lill-intimati milli jispaccaw il-prodotti Dany f' Malta tramite terzi;*
*2. Tordna lill-intimati jottemperaw ruhhom mal-kuntratti premessi f' dan ir-rikors u dan inter alia billi jirrintegraw lir-rikorrenti fi drittijiet taghha ta' agent;*
*3. Fi kwlasiasi kaz, tiddikjara li l-intimati kissru l-arrangamenti kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet inkluz il-kuntratti ta' Agenzija u s-shareholders agreement u mmanuvraw biex jirrendu inutli l-istess arrangamenti u b' hekk irrendew ruhhom responsabbli ghad-danni fil-konfront tar-rikorrenti.*
*4. Tillikwida id-danni kkagunati lir-rikorrenti bl-agir premess, okkorendo bl-ghajnuna ta' periti nominate ghal dan l-iskop.*
*5. Tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni likwidati, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

**Risposta Ġuramentata ta' l-avukat Dr Henri Mizzi noe.**

Il-konvenut nomine ecepixxa:-

***(a) Nullita***

*1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex il-varji talbiet tar-rikorrenti jirrigwardaw allegat ksur mhux biss tas-Sole Agency Agreement (Dokument "A" mar-rikors ġuramentat) u s-Shareholders Agreement (Dokument B mar-rikors ġuramentat) iżda ukoll ta' kuntratti oħra bejn il-partijiet mingħajr ma jispeċifikaw għal liem kuntratti qegħdin jirreferu u mingħajr ma jispjegaw x'inhu l-allegat ksur fir-rigward ta' dawn il-kuntratti.*[1] *Lanqas ma jiġi speċifikat x'inhuma l-allegati ksur min-naħa tas-soċjetajiet intimati fir-rigward tas-Shareholders Agreement. Ir-rikors ġuramentat lanqas ma jindika liema mir-rikorrenti għandhom liema pretensjoni u liema mill-intimati kisru l-allegati obbligi kuntrattwali.*

*Is-soċjeta' intimata għaldaqstant ma tistax tifhem il-pretensjoni tar-rikorrenti u ma tistax tifhem l-allegazzjonijiet kollha miġjuba kontriha.*[2]

---

[1] Dan jirriżulta mis-segwenti premessi:

i) Paragrafu 4 tar-rikors ġuramentat: "*...il-kuntratt ta' aġenzija kien ġie ffirmat **fl-isfond ta' l-arranġament globali bejn il-partijiet** li jinkludi shareholders agreement...*
ii) Paragrafu 5 tar-rikors ġuramentat: "*Illi dan il-kuntratt, u del resto, **il-kuntratti kollha relattivi għal joint venture** għadhom fis-seħħ...*"
iii) Paragrafu 7 tar-rikors ġuramentat: "*bdew diversi proċeduri intiżi milli jżommu l-fabbrika milli tipproduċi aktar il-prodotti li kienu ġew **pattwiti fil-ftehim imsemmi."***
iv) Paragrafu 8 tar-rikors ġuramentat: "*Illi apparti minn dan kollu, l-intimati kisru **diversi obbligi kuntrattwali oħra**...*"
v) Paragrafu 9 tar-rikors ġuramentat: "***B'riżultat ta' l-aġir ta' l-intimati jew min minnhom,** ir-rikorrenti kollha sofrew danni **naxxenti mill-ksur ta' l-arranġamenti kuntrattwali eżistenti.**"*
vi) It-tieni talba: "*tordna li l-intimati jottemporaw rwieħhom **mal-kuntratti premessi f'dan ir-rikors**.*"
vii) It-tielet talba: "*tiddikjara li l-intimati kisru **l-arranġamenti kontrattwali eżistenti bejn il-partijiet inkluż il-kuntratt ta' aġenzija u s-shareholders agreement."***

[2] Tant ir-rikors ġuramentat mhuwiex ċar illi din l-Onorabbli Qorti stess talbet lill-atturi jiċċaraw il-pretensjoni tagħhom, liema pretensjoni xorta waħda ma tirriżultax ċar min-nota ta' l-atturi tat-22 ta' Settembru 2011 u dan stante li fl-istess nota l-atturi jgħidu illi '*mhuwiex possibbli li f'dan l-istadju wieħed jindika bi preċiżjoni assoluta dak kollu li sar bi ksur ta' l-istess kuntratti.'*

***(b) Nuqqas ta' kompentenza***

*2. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, sa fejn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma bbażati fuq ksur tas-Sole Agency Agreement u s-Shareholders Agreement, din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti biex tisma' t-talbiet odjerni stante dawn il-ftehemiet huma regolati bi klawżola ta' arbitraġġ.*

*(c)* ***Leġittimi Kontradittturi***

*3. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' kull allegazzjoni jew allegat ksur tas-Sole Agency Agreement bejn CSMR (1994) Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited, is-soċjetajiet intimati ma jistawx jiġu kkunsidrati bħala l-leġittimi kontradditturi peress li huma mhumiex parti minn dan il-kuntratt – semmai kellha tkun ir-rikorrent Robert Damkjaer (Malta) Limited li magħha ġie mifthiem is-Sole Agency Agreement li kellha tidher bħala l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u partikolarment fir-rigward ta' din l-allegazzjoni. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

*4. Preliminarjament u wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' kull talba u kull allegazzjoni li tirrigwarda ksur tas-Shareholders Agreement, is-soċjeta konvenuta Robert Damkjaer Limited mhix il-leġittimu kontradittur;*

*(d)* ***Nuqqas ta' interess ġuridiku***

*5. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad li Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited m'għandhom l-ebda interess ġuridiku fir-rigward ta' l-ewwel talba kif ukoll fir-rigward ta' kull talba u fir-rigward ta' kull allegazzjoni magħmulha sa fejn din tolqot is-Sole Agency Agreement bejn CSMR (1994) Limited u Robert Damkjaer (Malta) Limited. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta*

*dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

*6. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward ta' kull talba u kull allegazzjoni li tirrigwarda ksur tas-Shareholders Agreement, s-soċjeta' CSMR (1994) Limited m'għandhiex interess ġuridiku stante li hi mhix parti minn dan il-kuntratt. Naturalment, l-esponent nomine ma jistax jikkummenta dwar il-kuntratti l-oħra li vagament jissemmew fir-rikors promotur mingħajr riferenza speċifika;*

*7. Preliminarjament u wkoll mingħajr preġudizzju, is-soċjeta rikorrenti Robert Damkjaer (Malta) Limited m'għandha ebda interess ġuridiku f'dawn il-proċeduri u dan peress li hi mhix parti mis-Shareholders Agreement iżda biss parti fis-Sole Agency Agreement u f'dan ir-rigward, l-esponenti nomine jagħmel riferenza għat-tielet risposta fejn jiġi sottomess illi Robert Damkjaer (Malta) Limited kellha tidher bħala konvenut u mhux bħala attur;*

*(e)* ***Lis alibi pendens***

*8. Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent nomine jeċċepixxi l-lis alibi pendens ai termini ta' l-artikolu 792 tal-kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi t-talbiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenzija ta' CSMR (1994) Limited, l-allegati danni li sofriet l-istess kumpannija, kif ukoll fir-rigward ta' l-ewwel talba jingħad illi dawn l-istess allegazzjonijiet u l-istess talbiet qed jiġu magħmula fil-proċeduri li ġew intavolati mill-kumpannija CSMR (1994) Limited stess fl-ismijiet CSMR (1994) Limited v Dr. Henri Mizzi noe (Rikors Numru 337/2007AF);*

*(f)* ***Risposti oħrajn***

*9. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju ukoll, it-tieni talba ma tistax tiġi akkolta stante li r-rikorrenti*

*mhumiex ċari għal-liem kuntratti qed jirreferu kif ukoll a nom ta' min qed issir it-talba li xi waħda mir-rikorrenti tiġi jirrintegrata bħala aġent. Addizzjonalment, ma huwiex legali u lanqas konsiljabbli fl-interess tal-partijiet u tal-kummerċ tagħhom in ġenerali li f'ċirkostanzi ta' ġlied u differenzi kif jeżistu bejn il-partijiet odjerni li huma jiġu sfurzati, kif mitlub, li jkomplu r-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

*10. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba kif impustata hija mproponibbli stante li (i) r-rikorrenti semmai kellhom waħda minn żewġ għażliet u cioe jew li jitolbu specific performance jew li alternattivament jitolbu d-danni u / jew (ii) it-talba kif impustata hija talba fin-natura ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni b'kawtela għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti u mhux talba li tista' ssir f'azzjoni prinċipali - il-liġi ma tikkontemplax il-possibilta' ta' talba kawtelatorja permanenti.*

*11. Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, r-rikorrenti, jew min minnhom ma għandhom l-ebda dritt li jżommu lill-intimati milli jispaċċaw il-prodotti Dany f'Malta tramite terzi.*

*12. Fil-mertu, fir-rigward tat-tieni talba, l-ebda wieħed mir-rikorrenti igawdi minn xi dritt li jkun l-aġent tas-soċjetajiet intimati.*

*13. Fil-mertu, is-soċjetajiet intimati mhumiex responsabbli għall-ksur ta' ebda arranġamenti kontrattwali eżistenti bejn il-partijiet u jiċħdu li huma, jew min minnhom, aġġixxew b'xi mod sabiex jirrendu inutli dawk l-arranġamenti.*

14. *Is-soċjetajiet intimati jiċħdu ulterjorment li huma responabbli għall-allegati danni li jgħidu li sofrew ir-rikorrenti.*

Il-qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenuti u mill-ufficjal ricevitur.

**Konsiderazzjonijiet**.

Din is-sentenza titratta l-eccezzjonijiet preliminari.

Jibda biex jinghad li ghal finijiet ta' pratticita fil-parti tas-sentenza fejn ser jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari l-qorti ser tirreferi ghall-partijiet b'dan il-mod:-

a. CSMR (1994) Limited bhala **CSMR**.
b. Robert Damkjaer (Malta) Limited bhala **RDM**.
c. Damkjaer International A/S bhala **DI**.
d. Robert Damkjaer Limited bhala **RDL**.

Fir-rikors guramentat l-atturi jaghmlu riferenza ghall-zewg kuntratti:-

i. Kuntratt iffirmat fis-26 ta' Marzu 2002 u imsejjah bhala ***Shareholder's Agreement*** iffrimat bejn Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan min-naha u Damkjaer International Denmark mill-ohra[3].

B'dan il-ftehim il-partijiet ftehemu li jirregistraw kumpannija (Robert Damkjaer (Malta) Limited) ghall-manifattura u bejgh ta' zalzett tat-tigieg ghas-suq lokali bl-isem ta' Dany.

ii. Kuntratt iffirmat fis-26 ta' Marzu 2002 bejn Robert Damkjaer (Malta) Limited u CSMR (1994) Limited[4], ***Sole Agency Agreement***. Din tal-ahhar inghatat l-inkarigu biex tqassam il-prodott finali f'Malta.

B'dan il-ftehim inghatat *'sole agency rights in Malta'* ghall-bejgh ta' prodotti *'Chicken Frankfurter Sausages'* u *'Chicken Luncheon Sausages'*. Fil-ftehim jinghad ukoll li:-

*"DI and Robert Damkjaer Ltd is not authorised to sell to other parties than CSMR on the Maltese market"*.

Jirrizulta wkoll li fis-26 ta' Marzu 2002 kien gie ffirmat ftehim iehor, ***Partnership Agreement***[5], bejn Damkjaer International A/S u Robert Damkjaer (Malta) Limited, u li permezz ta' liema ta' l-ewwel obbligat ruhha li tforni lil Robert Damkjaer (Malta) Limited materja prima ghall-manifattura taz-zalzett, *"spare parts and all technical*

[3] Fol. 11.
[4] Fol. 5.
[5] Fol. 36.

*equipment to the JVC, which the JVC cannot buy at competitive price from other parties."*, kif ukoll to *"supply skills and management support to the JVC......"*.

**L-azzjoni li qeghdin jipproponu l-atturi hi bazata fuq allegat ksur ta' pattijiet kuntrattwali**.

Il-qorti rat l-atti, inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti. Ma jirrizultax li l-atturi pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet.

Il-qorti ser tghaddi biex titratta l-eccezzjonijiet preliminari:-

**<u>Nullita' tar-rikors guramentat</u>**.

Il-konvenuti ghamlu riferenza ghall-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 u jsostnu li t-talbiet qeghdin jirreferu ghall-kuntratti ohra bejn il-partijiet *"....minghajr ma jispecifikaw ghal liema kuntratti qeghdin jirreferu u minghajr ma jispjegaw x'inhu l-allegat ksur fir-rigward ta' dawn il-kuntratti."*.

Ir-rikors guramentat jaghti s-sembjanza ta' azzjoni kollettiva (Artikolu 161 tal-Kap. 12). Hu fatt li hemm nuqqas ta' kjarezza fir-rikors guramentat meta tqies li:-

(a) Filwaqt li saret riferenza espressa ghal *Sole Agency Agreement* u *Shareholder's Agreement*, fil-paragrafu 5 jinghad: *"Illi dan il-kuntratt, u del resto,* ***il-kuntratti kollha relattivi ghall-joint venture*** *ghadhom fis-sehh, minkejja li l-intimati......."*, minghajr ma jghidu x'inhuma l-kuntratti l-ohra.
(b) Fil-paragrafu 8 jinghad: *"Illi apparti minn dan kollu l-intimati kisru diversi obbligi kontrattwali ohra u dan kif ser jigi ppruvat dettaljament waqt is-smigh tal-kawza."*.

Il-konvenuti ghandhom ragun jilmentaw minn dikjarazzjoni simili in kwantu thallihom fid-dlam dwar x'inhuma l-ilmenti tal-atturi, fis-sostanza, u li minnhom iridu jiddefendu ruhhom.

Madankollu l-qorti hi tal-fehma li:-

i. Il-konvenuti jafu li l-ftehim l-ohra li qeghdin jirreferu ghalihom l-atturi huma:-

(a) il-*Partnerhsip Agreement*;
(b) il-*Business Proposal*[6], iffirmat fis-26 ta' Marzu 2002 bejn Charles Ellul Sullivan u Mark Ellul Sullivan min-naha, u DI min-naha l-ohra.

Qieghed jinghad hekk wara li l-qorti rat l-atti tal-kawza **Ikebana (Holdings) Limited et vs Dr Henri Mizzi nomine** (854/2007) deciza fit-28 ta' Ottubru 2010, kif ukoll l-ittri li ntbaghatu mill-partijiet lill-International Court of Arbitration. Inoltre u n-nota prezentata fit-23 ta' Settembru 2011[7] li giet notifikata lill-konvenuti qabel ipprezentaw it-twegiba guramentata.

ii. Permezz tan-nota prezentata fit-23 ta' Settembru 2011[8], l-atturi spjegaw fejn qeghdin jilmentaw li kien hemm ksur kuntrattwali min-naha tal-konvenuti. Hu veru li l-atturi kkonkludew in-nota billi qalu: *"Dan qieghed jinghad madwar pregudizzju ghal xi affarijiet ohra li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza u dan ghaliex l-intimati agixxew in mala fede u kisru l-arrangamenti kontrattwali kollha li kellhom u ghalhekk ma huwiex possibbli li f'dan l-istadju wiehed jindika bi precizjoni assoluta dak kollu li sar bi ksur tal-istess kuntratti."*, u dan jaghti lok ghal stat ta' incertezza ghal min irid jiddefendi ruhu. Pero ghal din il-qorti tali dikjarazzjoni qiesha qatt ma saret. M'ghandux ikun li attur f'kawza jaghmel dikjarazzjoni generika, ghaliex dan iwassal sabiex konvenut jitqieghed fil-posizzjoni li ma jafx ezatt minn x'hiex irid jiddefendi ruhu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

## <u>Klawzola ta' arbitragg</u>.

[6] Kopja prezentata man-nota tat-30 ta' April 2012. F'dan l-istadju l-qorti mhux ser titratta jekk dak jikkwalifikax bhala ftehim li jista' jigi mwettaq.
[7] Prezentata b'riferenza ghad-digriet tat-23 ta' Awissu 2011 fejn il-qorti ordnat lill-atturi sabiex permezz ta' nota guramentata, "*.....b'riferenza ghall-paragrafu 8 tar-rikors guramentat tispjega x'inhuma id-diversi obbligi kontrattwali ohra li kisru l-konvenuti."*.
[8] Fol. 68.

Hu minnu li f'kull wiehed mit-tliet kuntratti hemm klawzola arbitrali. L-arbitragg kellu jsir skond *"the Rules of Conciliation and Arbitration of the International Chamber of Commerce"*.

Jirrizulta li saru proceduri ta' arbitragg, pero l-International Court of Arbitration baghat javza lid-difensuri tal-partijiet li:-

*"The Secretariat informs you that the ICC International Court of Arbitration decided at its session of 20 July 2007 that the arbitration shall not proceed in accordance with Article 6(2) of the ICC Rules."*[9].

Mill-atti l-qorti qeghda tifhem li l-proceduri ta' arbitragg kienu jirreferu ghall-ilment meritu ta' din il-kawza. Jidher ukoll li l-konvenuti kienu ghamlu rikonvenzjoni fejn talbu dikjarazzjoni li l-Partnership Agreement kien gie tterminat skond kif jikkontempla l-ftehim, u talbu hlas minghand RDM.

Fil-fehma tal-qorti din l-eccezzjoni hi bla bazi gialadarba l-proceduri ta' arbitragg ma komplewx fuq decizjoni tal-International Court of Arbitration. M'huwiex car x'wassal fir-realta' ghad-decizjoni lil ICC li ma jkomplix bl-arbitragg. F'dan ix-xenarju l-partijiet ghall-kuntratti fuq imsemmija m'ghandhomx jigu mcahhda milli jfittxu rimedju quddiem il-qrati ordinarji.

**Legittimu Kontradittur**.

1. ***Sole Agency Agreement*** – fil-fehma tal-qorti l-ilment ta' CSMR kellu jigi ndirizzat fil-konfront tal-kumpannija RDM. Tant hu hekk li l-ftehim jibda:-

***"§1 The existing Agreement concerns CSMR's sole agency rights to sell Chicken Frankfurter Sausages and Chicken Luncheon Sausages, products***

[9] Fol. 199 tal-kawza 854/2007 deciza fit-28 ta' Ottubru 2010. Minn dan id-dokument jirrizulta wkoll li l-partijiet huma l-istess bhal din il-kawza, bl-eccezzjoni tal-attrici Ikebana Holdings Limited u Caroline Hayes.

***manufactured by the JVC and marketed under the trademark of Dany.”***.

Jinghad ukoll li:-

***“CSMR has sole agency rights in Malta to the products cited in §1.”***.

Ghalkemm fid-data li gie ffirmat il-ftehim RDM kienet ghadha ma gietx registrata, jirrizulta li giet registrata u l-ftehim beda jithaddem.

Mill-atti jirrizulta li f’Malta l-prodott kien jigi manifatturat minn RDM. Mill-kuntratt hu evidenti li DI u RDL ma kienux firmatarji ta’ dan il-kuntratt. Ghaldaqstant, CSMR ma tistax targumenta li dan il-kuntratt ta lok ghal relazzjoni kuntrattwali bejn CSMR u l-konvenuti. Hu veru li f’dan il-kuntratt jinghad:-

*“D.I. and Robert Damkjaer Ltd is not authorised to sell to other parties than CSMR on the Maltese market.”*.

Madankollu fil-fehma tal-qorti dik il-klawzola trid titqies a bazi ta’ dak li jinghad fis-shareholder’s agreement fejn jinghad li CSMR u DI m’humiex ser jaghmlu xi attivita’ li tkun in kompetizzjoni mal-attivita’ li RDM twettaq f’Malta, *“with the exception of the co-operation between CSMR and Robert Damkjaer Ltd regarding importation and sales of products from Robert Damkjaer Ltd.”*[10].

Il-qorti tosserva wkoll li CSMR u RDM jirrikonoxxu li s-sole agency agreement hu bejniethom u mhux terzi, tant li fir-rikors guramentat 377/2007[11] iddikjaraw:-

*“Bejn il-kumpanniji rikorrenti hemm sole agency agreement li tipprovdi li l-kumpannija CSMR (1994) Limited ghandha r-rapprezentanza tal-prodotti tal-fabbrika f’Malta.”*.

---

[10] Artikolu 11 tas-shareholder’s agreement.
[11] Kopja tar-rikors guramentat a fol. 80.

Ghalhekk hi ghal kollox barra minn lokha d-dikjarazzjoni li ghamlu fin-nota tat-23 ta' Settembru 2011 li kien hemm:-

*"ksur tal-artikolu 2 tas-Sole Agency Agreement bejn Robert Damkjaer Limited u l-kumpannija CSMR u senjatament il-parti li taqra: 'DI and Robert Damkjaer Ltd is not authorised to sell to other parties other than CSMR on the Maltese Market."*[12].

2. ***Shareholders Agreement*** – Il-konvenuti ghandhom ragun li RDL m'hijiex parti ghal dan il-ftehim. Ghalhekk ma tistax tkun legittimu kontradittur. Ftehim li kif rajna sar bejn Charles Ellul Sullivan u ibnu Mark min-naha u DI. Jirrizulta wkoll kif skond l-Istatut tal-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited, l-azzjonisti tal-kumpannija huma:-

- Ikebana (Holdings) Limited, Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes min-naha tal-familja Ellul Sullivan;
- Damkjaer International A/S min-naha tad-ditta estera;

**<u>Interess guridiku</u>**.

In kwantu ghall-atturi Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited, il-qorti taqbel li m'ghandhomx interess guridiku fir-rigward ta' danni li setghet sofriet CSMR b'riferenza ghal ***Sole Agency Agreement***. Hi dik il-kumpannija li ghandha l-jedd tfittex ghad-danni minhabba ksur ta' obbligi kuntrattwali li jirrizultax minn dak il-kuntratt.

Hekk ukoll il-qorti tqabel mat-tezi tal-konvenuti li CSMR m'ghandha l-ebda jedd tilmenta minn xi ksur ta' obbligi kuntrattwali tas-***Shareholder's Agreement***, gialadarba qatt ma kienet parti ghal dak il-ftehim.

---

[12] Fol. 68.

Dwar RDM, il-qorti ma taqbilx li m'ghandix interess guridiku gialadarba hemm ftehim iffirmat ma' DI li l-partijiet jirreferu ghalih bhala l-***Partnership Agreement***.

**Lis alibi pendens**.

Jirrizulta li fit-23 ta' Marzu 2007, CSMR u RDM ipprezentaw kawza kontra l-konvenuti (337/07) li ghadha pendenti. Kawza li prattikament tista' tghid hi identika ghal dik odjerna, fejn l-atturi qeghdin:-

i. Jippruvaw izommu lill-konvenuti milli jbieghu prodotti Dany f'Malta.
ii. Jitolbu l-likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba ksur ta' obbligi kuntrattwali.

Id-differenza hi li fil-kawza odjerna:-

(a) Hemm atturi ohra, Mark Ellul Sullivan, Ikebana Holdings Limited u Caroline Hayes li m'humiex parti fil-kawza 337/07
(b) Bit-tieni talba, li ma saritx fil-kawza 337/07, l-atturi qeghdin jitolbu:-

***"Tordna lill-intimati jottemperaw ruhhom mal-kuntratti premessi f'dan ir-rikors u dan inter alia billi jirrintegraw lir-rikorrenti fi drittijiet taghha ta' agent."***.

Il-qorti qeghda tifhem li f'dan il-kaz l-interess f'din it-talba hu ta' CSMR, in kwantu ssostni li ghandha l-agenzija tal-prodotti Dany f'Malta.

L-Artikolu 792 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

*"Meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra."*.
Ghal finijiet ta' din l-eccezzjoni jrid ikun hemm l-istess partijiet, kawzali u talbiet.

F'din il-kawza hemm persuni ohra bhala atturi. Il-presenza taghhom m'hijiex ghall-konvenjenza, izda ghaliex ghandhom ukoll pretensjonijiet dwar ksur ta' obbligi kuntrattwali skond is-*Shareholder's Agreement*[13]. Ghalhekk il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-konvenuti.

Certament li peress li l-pretensjonijiet ta' CSMR u RDL diga' jifformaw il-meritu tal-kawza 377/09, bla pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, m'ghandux ikun li din il-qorti tkompli bis-smiegh qiesu xejn mhu xejn. Dan qieghed jinghad ukoll meqjus li hemm indikazzjoni li CSMR tippretendi li hi l-agent f'Malta tal-prodotti Dany bis-sahha ta' ftehim verbali. Fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat jinghad:-

*"Illi l-kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inoltre kienet agent u distributur tal-intimati tal-prodotti Dany u marki ohra fuq is-Suq Malti."*.
Fil-kawza 337/07 ghamlet l-istess dikjarazzjoni, b'dan li kkwalifikat li l-ftehim kien wiehed verbali[14]. Ghalkemm din l-eccezzjoni ser tigi michuda dan ser ikun bla pregudizzju ghal kull provvediment li l-qorti tqies li hu mehtieg sabiex ma jkunx hemm il-possibbilita ta' sentenzi konfliggenti gialadarba li r-rikors guramentat jinkludi fih ilmenti u talbiet li huma identici ghal dawk li saru fir-rikors guramentat numru 337/2007.

**<u>Nuqqas ta' kjarezza ghan-nom ta' min qeghda ssir it-tieni talba</u>.**

It-tieni talba taqra:-

*"Tordna lill-intimati jottemperaw ruhhom mal-kuntratti premessi f'dan ir-rikors u dan inter alia billi jirrintegraw lir-rikorrenti fi drittijiet taghha ta' agent"*.

Ghall-qorti hu evidenti li l-agenzija li l-atturi qeghin jirreferu ghaliha fit-tieni talba, hi l-agenzija li CSMR tippretendi li ghandha. Talba li ssir f'rikors guramentat tigi kkunsidrata

[13] Dan qieghed jinghad bla pregudizzju jekk is-shareholder's agreement japplikax ghal kull wiehed minnhom in kwantu mhux l-atturi kollha huma firmatarji tieghu.
[14] Fol. 80.

a bazi ta’ dak li jinghad fil-premessi. F’dan il-kaz fit-tielet paragrafu tar-rikors gie ddikjarat:-

*“Illi l-kumpannija rikorrenti CSMR (1994) Limited inoltre kienet agent u distributur tal-intimati tal-prodotti Dany u marki ohra fuq is-Suq Malti.”*.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-eccezzjoni, din hi materja li fil-fehma tal-qorti kellha tigi trattata fil-meritu.

**Improponibilita’ tal-ewwel talba**.

L-ewwel talba taqra:-

***“Tinibixxi lill-intimati milli jispaccaw il-prodotti Dany f’Malta tramite terzi.”***.

Bla pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq u ghal finijiet ta’ din l-eccezzjoni, il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti. L-ghan wara din it-talba hu sabiex il-qorti taghti dikjarazzjoni li l-konvenuti m’ghandhomx jedd li jbieghu f’Malta prodotti tad-Dany. L-interess ta’ CSMR u ta’ RDM kien li ma jinbieghux prodotti fis-suq lokali sabiex ma jkunx hemm kompetizzjoni minn terzi. Ghalhekk il-qorti tqies li t-talba kif proposta hi legittima. Ovvjament jibqa’ l-oneru tal-prova fuq dawn iz-zewg kumpanniji dwar jekk ghandhomx jedd li jzommu lill-konvenuti milli jbieghu l-prodotti fis-suq lokali.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

**2. Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**
**3. Tichad it-tieni (2) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**
**4. Tilqa’ t-tielet (3) eccezzjoni fis-sens li fir-rigward tas-Sole Agency Agreement bejn CSMR u RDM, il-konvenuti m’humiex il-legittimi kontradditturi. Ghalhekk in kwantu t-talbiet fir-rigward ta’ CSMR jistghu jirreferu ghal dan il-ftehim, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez ta’ din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.**

**5. Tilqa' r-raba' (4) eccezzjoni fis-sens li fir-rigward tas-Shareholder's Agreement il-konvenuta RDL m'hijiex legittimu kontradittur. Ghalhekk tillibera lil RDL mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-ilment tal-atturi jirreferi ghas-Shareholder's Agreement. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.**

**6. Tilqa' l-hames (5) eccezzjoni fis-sens li fir-rigward tas-Sole Agency Agreement bejn CSMR u RDM, l-atturi Mark Ellul Sullivan, Caroline Hayes u Ikebana Holdings Limited m'ghandhomx interess guridiku. Spejjez a karigu tal-atturi.**

**7. Tilqa' s-sitt (6) eccezzjoni u tiddikjara li CSMR m'ghandix interess guridiku ghal dak li ghandu x'jaqsam is-Shareholder's Agreement. Spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tal-atturi.**

**8. Tichad is-sebgha (7) eccezzjoni. Spejjez kontra l-konvenuti.**

**9. Bla pregudizzju ghal dak li nghad hawn fuq, tichad it-tmien (8) eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.**

**10. Tichad id-disgha (9) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**11. Tichad l-ghaxar (10) eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------